

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2017/C 401/12)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 <sup>(1)</sup>

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MINURI

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>**

**“CIPOLLA BIANCA DI MARGHERITA”**

**Nru tal-UE: PGI-IT-01231-AM01 — 4.8.2017**

**DOP ( ) IĠP (X) STG ( )**

**1. Grupp applikant u interess leġittimu**

Consorzio di valorizzazione e tutela della “Cipolla bianca di Margherita” IGP (Il-konsorzju tal-utilizzazzjoni u l-protezzjoni ta' “Cipolla bianca di Margherita” IGP)

Via Ronzino, n. 4

76016 Margherita di Savoia (BT)

ITALIA

Tel. +39 0883654882

Fax +39 0883657784

email: info@consorziocipollabiancamargheritaigp.it

Il-konsorzju tal-utilizzazzjoni u l-protezzjoni ta' “Cipolla bianca di Margherita” IĠP hu intitolat iressaq applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 13(1) tad-Digriet Nru 12511 tal-14 ta' Ottubru 2013 tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u tal-Forestrija.

**2. Stat Membru jew Pajjiż Terz**

L-Italja

**3. Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda**

—  Deskrizzjoni tal-prodott

—  Provi tal-oriġini

—  Metodu tal-produzzjoni

—  Rabta maż-żona ġeografika

—  Tikkettar

—  Oħrajn: [Imballaġġ]

**4. Tip ta' emenda**

—  Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP rreġistrata biex tiġi kkwalfikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li ma teħtieġ l-ebda emenda fid-dokument uniku ppubblikat.

<sup>(1)</sup> ĠUL 179, 19.6.2014, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

- Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP rreġistrata biex tiġi kkwalifikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li teħtieġ emenda fid-dokument uniku ppubblikat.
- Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP rreġistrata biex tiġi kkwalifikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda dokument uniku (jew xi ekwivalenti).
- Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' STG rreġistrata biex tiġi kkwalifikata bħala minuri skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

## 5. **Emenda/i**

### *Deskrizzjoni tal-prodott*

- L-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

“solidi li jinħallu: 6,4–9,2 mg 100 g -1 ta' piż frisk”

- Il-punt 3.2 tad-Dokument Uniku

“solidi li jinħallu: 6,4–9,2 mg 100 g ta' piż frisk”

huma emendati kif ġej:

“solidi li jinħallu: 6,4–9,2 °Brix.”

L-emenda għandha l-għan li tikkoreġi żball doppju li hemm fuq l-indikazzjoni tal-unità tal-kejl tal-parametru “solidi li jinħallu” relatat kemm mal-unità tal-kejl li hemm fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott (mg 100 g -1) kif ukoll ma' xi inkonsistenza bejn dak li hemm fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott u fid-Dokument Uniku. Komunement, il-parametru “solidi li jinħallu” jiġi espress bil-“Brix”, u għalhekk jeħtieġ tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

### *Oħrajn*

#### *Imballaġġ*

- L-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott — il-punt 3.5 tad-Dokument Uniku

#### *Is-sentenza:*

“Il-prodott jista' jiġi ppakkjat f'kaxxi ta' 10 kg jew ta' 5 kg, fi xbiek ta' 0,5 kg jew ta' 1,0 kg, f'tilari ta' 1,0 kg, jew f'faxex ta' piż varjabbli b'ħames basliet jew aktar.”

hija emendata kif ġej:

“Il-prodott jista' jiġi ppakkjat fi xbiek, f'tilari jew f'kaxxi bi kwantitajiet varjabbli tal-prodott, jew f'faxex ta' tliet basliet jew aktar.”

Tneħħew il-limitazzjonijiet tal-piż li jintużaw għal kull tip ta' imballaġġ previst fl-ispeċifikazzjoni. Din l-emenda għandha l-għan li tipprovdi aktar flessibbiltà għall-produtturi skont il-ħtiġijiet tas-suq.

Tnaqqas l-għadd minimu ta' basal previst għall-faxx. Bħal ta' qabilha, din l-emenda tissodisfa l-ħtiġijiet tal-ktajjen kbar tad-distribuzzjoni li ħafna drabi qed jeżiġu prodott ippakkjat b'piż limitat.

DOKUMENT UNIKU

**“CIPOLLA BIANCA DI MARGHERITA”**

**Nru tal-UE: PGI-IT-01231-AM01 — 4.8.2017**

**DOP ( ) IĠP ( X )**

## 1. **Isem/ismijiet**

“Cipolla bianca di Margherita”

## 2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

L-Italja

### 3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

#### 3.1. Tip ta' prodott

Il-klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

#### 3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

Id-denominazzjoni "Cipolla bianca di Margherita" tirreferi għall-popolazzjoni lokali tal-basal tal-ispeċi *Allium cepa* L. li jiġi prodott fiż-żona ddefinita. Dan hu basal frisk, abjad, artab u b'kontenut għoli ta' zokkor. Skont il-perjodu tal-produzzjoni jeżistu erba' tipi differenti ta' ekotipi lokali: "Marzaiola" jew "Aprilatica", "Maggiola", "Giugnese", u "Lugliatica".

B'mod speċifiku, il-karatteristiċi tat-tipi differenti huma kif ġej:

- "Marzaiola" jew "Aprilatica": dan il-basal jinħasad kmieni (minn nofs Marzu 'l quddiem), u hu mċaftar minn fuq u minn isfel;
- "Maggiola": meta mqabbel ma' dan ta' qablu, dan il-basal jinħasad inqas kmieni (f'Mejju) u hu inqas imċaftar;
- "Giugnese" u "Lugliatica": dan il-basal jinħasad tard (minn Ġunju sa nofs Lulju), u mhux imċaftar.

Meta jsir il-ħsad, il-basal għandu jissodisfa dawn ir-rekwiżiti:

- solidi li jinħallu: 6,4–9,2 °Brix.
- materja niexfa: 6,2–8,9 g. għal kull 100 g ta' piż frisk.
- daqs: mhux inqas minn 20 mm sa mhux aktar minn 100 mm.
- proprjetajiet fiżiċi: lewnu abjad.
- toġhma: ħelu u mmerraq. B'kollox, il-kontenut taz-zokkor rideċenti għandu jkun aktar minn 3,8 g għal kull 100 g ta' piż frisk.
- konsistenza: artab u jqarmeċ.

#### 3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

#### 3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

Il-fażijiet kollha tal-produzzjoni taċ-"Cipolla bianca di Margherita" għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

#### 3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ. tal-prodott li jirreferi għalih l-isem irreġistrat

L-ippakkjar għandu jsir minnufih wara l-ħsad fiż-żona ddefinita fl-Artikolu 4 u l-prodott m'għandux jitħalla jerġa' jiġi ppakkjat barra miż-żona ġeografika biex ikun żgurat li t-trasport u l-immaniġġar eċċessiv fil-prodott sfuż ma jagħmilx ħsara bħal daqqiet jew qsim. Id-daqqiet u l-qsim huma l-kundizzjonijiet ideali biex titrabba l-moffa u tintilef il-konsistenza li jwasslu għal degradazzjoni fil-kwalità taċ-"Cipolla bianca di Margherita".

Il-prodott jista' jiġi ppakkjat fi xbiek, f'tilari jew f'kaxxi bi kwantitajiet varjabbli tal-prodott, jew f'faxex ta' tliet basliet jew aktar.

#### 3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li jirreferi għalih l-isem irreġistrat

Fuq il-kontenituri għandu jkun hemm il-kliem "Cipolla bianca di Margherita" IĠP flimkien mal-logo tad-denominazzjoni u s-simbolu IĠP tal-UE. Il-kontenituri għandu jkollhom ukoll l-isem, l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-produttur u tal-imballatur.

Mhi permessa l-ebda żieda ta' xi kwalifikazzjoni mad-denominazzjoni li mhix awtorizzata sakemm ma tkunx prevista espressivament fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Madankollu jistgħu jintużaw ismijiet, ismijiet kummerċjali u marki kummerċjali, sakemm ma jqarrqux bil-konsumatur.



#### 4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona tal-produzzjoni taċ-“Cipolla bianca di Margherita” tinsab mal-kosta Adrijatika u tinkludi dawn iż-żoni amministrattivi li ġejjin:

- Territorju tal-muniċipalità ta’ Margherita di Savoia;
- Territorju tal-muniċipalità ta’ Zapponeta;
- Territorju tal-muniċipalità ta’ Manfredonia.

#### 5. Rabta maż-żona ġeografika

Mil-lat pedoloġiku, ħafna mill-ħamrija taż-żona tal-produzzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta “Cipolla bianca di Margherita” hi ħamrija ramlja, mingħajr għadam, derivata minn reklamazzjoni ta’ art mistagħdra tal-ilma mielaħ li tuża r-ramel minn għaram fil-baħar tal-madwar. Peress li l-ilma tal-pjan jinsab fil-baxx ħafna, jistgħu jtkabbru għelejjel tal-ortikultura, anke mingħajr it-tisqija.

Minħabba s-salini fil-Punent u l-promontorju ta’ Gargano fit-Tramuntana, it-territorju għandu klima partikolari għax differenti mill-klima tar-reġjun tal-Puglia b’mod ġenerali u minn dik tal-pajjiżi ġirien: “[...] m’hemmx dubju li din it-tip ta’ klima hi niexfa, kważi tal-isteppe, u karatterizzata bi sjuf sħan ħafna u bi xtiewi moderati ħafna. Il-klima tixbah lil dawk taż-żoni qrib it-tropiċi... Jekk inħarsu lejn il-baċin tal-Mediterran insibu kundizzjonijiet klimatiċi simili għal dawk taż-żona, tul il-kosta Afrikana Asjatika mill-peniżola ta’ Sirte u l-belt ta’ Tel. Aviv.” (BONIFICA, 1993. M. CALDARA, D. CAPOLONGO, C. DAPOTE, L. PENNETTA).

L-ekotipi taċ-“Cipolla bianca di Margherita” huma adattati ferm għall-ħamrija u l-klima speċifiċi taż-żona, u l-potenzjal tagħhom mil-lat ta’ kwalità u ta’ rendiment jistgħu jilhqun biss f’dawn iż-żoni. Tabilħaqq, dawn għandhom il-ħila speċifika li jadattaw għal dawn il-kundizzjonijiet partikolari tal-ħamrija u tal-klima, bħal pereżempju li jiżviluppaw sistema tal-għeruq adegwata biex tkun tista’ tinżel fil-fond fil-ħamrija ramlja. Fil-fatt, xi kulturi vari u/jew ibridi oħrajn ta’ basal li tħawlu f’din iż-żona ma kienu sodisfaċenti xejn fejn jidħol ir-rendiment.

Bis-saħħa tal-karatteristiċi ġenetiċi speċifiċi tal-popolazzjonijiet magħżulin u ppropagati tul is-sekli mill-bdiewa lokali u tal-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija speċifiċi, iċ-“Cipolla bianca di Margherita” għandha karatteristiċi speċifiċi.

Dan huma l-aktar differenzi sinifikanti li ħarġu minn studju li għamlet l-Università ta’ Foggia meta qabblat iċ-“Cipolla bianca di Margherita” ma’ kultivari oħra ta’ basal abjad imkabbar barra miż-żona ġeografika ddefinita fil-punt 4:

- il-livell baxx ta’ materja niexfa u ta’ solidi li jinħallu, jagħmlu basla tassew tqarמע u mmerrqa li tista’ tinqabad mis-sensi;
- in-nuqqas ta’ punġenza fil-prodott;
- il-preżenza ta’ kwantitajiet kbar ta’ zokkor riduċenti li jagħmlu dan il-basal ħelu meta mqabbel mal-ġenotipi l-oħra koperti bl-istudju tal-Università ta’ Foggia;
- il-basal jinħasad aktar kmieni mill-bqija tal-basal fiż-żoni agrikoli l-oħra.

Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' reżistenza tal-ħamrija ramlja fejn jitkabbar il-basal, il-basal jista' jiżviluppa l-forma tipika ta' dan l-ekotip, mingħajr difetti. Ftit hu l-persentaġġ ta' basal li jkun aħdar madwar ir-rimja għax il-kultivazzjoni teknika tinvolvi t-tħawwil bl-idejn f'ċertu fond li għandu tendenza jipproduċi prodott abjad għalkollox.

Fiż-żona kostali, il-klima hi partikolarment moderata matul ix-xitwa u r-rebbiegħa u għalhekk il-ħamrija ramlja tista' tisħon malajr. B'hekk il-prodott ta' kwalità jkun jista' jitkabbar ferm aktar kmieni minn dak fiż-żoni agrikoli l-oħra.

Peress li l-ilma tal-pjan hu qrib ħafna ta' wiċċ il-ħamrija ramlja, l-għelejjel ikunu soġġetti għal stress tal-ilma kkontrollat, u dan iwassal għal tkabbir pjuttost imfixkel u għal kontenut baxx ta' materja niexfa.

Għaldaqstant, il-basla tikber f'saff ta' ħamrija ramlja li "tqalleb lilha nnifisha", u dan jagħmlilha l-ġid.

Kif deskritt hawn fuq, il-karatteristiċi organolettiċi partikolari ma jinstabux f'żoni oħrajn barra miż-żona tal-produzzjoni; u dan jikkonfermawh ukoll is-sejbiet tal-analiżi kwalitattiva li għamlet l-Università ta' Foggia f'Lulju 2012, li ħarġu fid-dieher li l-ġenotip "Cipolla bianca di Margherita" għandu attributi sensorjali ta' kwalità li faċilment jiddistingwuh minn basal abjad ieħor.

### **Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

Din l-Amministrazzjoni nediet il-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni permezz tal-pubblikazzjoni tal-proposta għal emenda tal-IĠP "Cipolla bianca di Margherita" fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana* Nru 59 tal-11 ta' Marzu 2017.

It-test konsolidat tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tista' ssibu fuq is-sit web:  
<http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335>

jew

zur il-paġna uffiċjali tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u tal-Forestrija ([www.politicheagricole.it](http://www.politicheagricole.it)) u agħfas fuq "Prodotti DOP e IĠP" (fin-naħa ta' fuq fil-lemin tal-iskrin), u wara fuq "Prodotti DOP, IĠP e STG" (fil-ġenb, fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar agħfas fuq "Disciplinari di produzione all'esame dell'UE".

---